**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 – Neottolemo vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-724/22)**

(2023/C 63/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Neottolemo, Lda (Zona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Leite de Campos u M. Clemente, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikoli 1 sa 3, 4(1) sa (3), it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(4), u l-Artikolu 4(5) u (6) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (innotifikata bin-numru C(2020) 8550) ([1])

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikoli 21 sa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-kontradizzjoni irreparabbli bejn id-deċiżjoni kkontestata u l-motivi rispettivi.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 5 TFUE.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat il-ksur tal-Artikolu 107 TFUE minħabba ineżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'uħud mill-każijiet imsemmija mid-Deċiżjoni u minħabba arrikkiment indebitu tal-Istat Portugiż, minħabba ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni li l-parti li twettaq il-ksur tikseb benefiċċju (l-Istat Portugiż).

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 26 TFUE għal dak li jirrigwarda l-promozzjoni tas-suq intern.

([1]) ĠU 2022, L 217, p. 49.

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 – Register.com vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-725/22)**

(2023/C 63/74)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Register.com LP – Sucursal em Portugal (Zona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Leite de Campos u M. Clemente, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikoli 1 sa 3, 4(1) sa (3), it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(4), u l-Artikolu 4(5) u (6) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III ([1]), u, sussidjarjament

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikoli 21 sa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-kontradizzjoni irreparabbli bejn id-deċiżjoni kkontestata u l-motivi rispettivi.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 5 TFUE.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat il-ksur tal-Artikolu 107 TFUE minħabba ineżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'uħud mill-każijiet imsemmija mid-Deċiżjoni u minħabba arrikkiment indebitu tal-Istat Portugiż, minħabba ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni li l-parti li twettaq il-ksur tikseb benefiċċju (l-Istat Portugiż).

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 26 TFUE għal dak li jirrigwarda l-promozzjoni tas-suq intern.

([1]) ĠU 2022, L 217, p. 49.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2022 – TB vs ENISA**

**(Kawża T-760/22)**

(2023/C 63/75)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TB (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, avukati)

*Konvenuta:* L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tħassar iċ-CDR (Rapport ta' Evalwazzjoni) tal-2020 li jirriżulta mid-Deċiżjoni 8/2022 tad-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA tat-3 ta' Frar 2022 sa fejn jinkludi l-kummenti li ġejjin:

  — Taħt il-B.1 "Effiċjenza", paġna 4 – punt 2) tfassil ta' politika kontra l-frodi, aġġornament tal-politika dwar l-iżvelar tal-informazzjoni protetta kif ukoll tal-kodiċi ta' kondotta:

    — "[…] Il-politika dwar l-iżvelar tal-informazzjoni protetta ġiet aġġornata mill-PO bħala abbozz ta' kunċett, però, ma ttiħidx għall-approvazzjoni minn qabel tad-dipartimenti tal-COM, liema approvazzjoni kienet prerekwiżit speċifiku (klawżola ta' eżami mill-ġdid fid-deċiżjoni tal-MB) sabiex il-politika dwar l-iżvelar tal-informazzjoni protetta tiġi eżaminata mill-ġdid. Fir-rigward tal-kodiċi ta' kondotta għall-ENISA, id-deċiżjoni tal-COM ġiet annessa, fil-forma tal-pubblikazzjoni tagħha (ktieb), mad-Deċiżjoni tal-MB dwar l-Istrateġija kontra l-Frodi. Għaldaqstant, l-MB ma adottax il-kodiċi ta' kondotta. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija kontra l-Frodi għall-2021 ibassar it-tħejjija ta' kodiċi ta' kondotta fil-forma ta' deċiżjoni tal-MB."